# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Numru 2105

**Kaz Numru 2775DeG**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Remi Armeni**

**u**

**Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited**

**Illum l-Erbgha 12 ta' Ottubru 2011**
**dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ingusta**

## 1. Riferenza

Wara li l-Qorti tal-Appell (sedenti l-Onorevoli Mhallef Raymond C. Pace) laqghet l-appell li ghamel ir-rikorrent, Appell Civili Numru 40/2010, dan il-kaz gie riferit lura lit-Tribunal Industrijali ghal konsiderazzjoni u decizjoni rigwardanti l-kumpens dovut lir-rikorrent skont l-Artiklu 81(2) tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

## 2. Rapprezentanza

2.1 Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited, li minn issa 'l quddiem ser tissejjah il-kumpanija intimata, kienet irrapprezentata minn Anton Dalli meghjun mill-Avukata Charlotte Camilleri.

2.2 Remi Armeni, li minn issa 'l quddiem ser jissejjah ir-rikorrent, kien meghjun mill-Avukat Owen Bonnici.

## 3. Xhieda

**Remi Armeni** kkonferma li :

3.1 Mal-kumpanija intimata kellu paga gross mensili ta' €1,863.50 (Lm800).

3.1 Matul l-ahhar tnax -il xahar fl-impieg hadem medja ta' 5 sighat sahra fix-xahar.

3.2 Wara t-temma tal-impieg minn mal-kumpanija intimata ghamel xahrejn ma jahdimx u ssellef €12,000 biex investiehom f'taghmir biex stabbilixxa ruhu bhala *self-employed* fl-istess xoghol li kien jaf jaghmel.

**4. Gabra fil-qosor tat-trattazzjonijiet**

7.1 Fit-trattazzjoni tal-kaz rigwardanti l-kumpens:

7.1.1 L-Avukata Charlotte Camilleri, f'isem il-kumpanija intimata, stqarret li minkejja l-fatt li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell iddikjarat li t-temma tal-impieg tar-rikorrent ma saritx minhabba *redundancy* u konsegwentement ingusta, wara li spiccat il-hazna tal-prodotti rilevanti ghall-kaz, il-kumpanija intimata kienet kostretta li ttemm l-operat tad-Dipartiment li kien immexxi mir-rikorrent, kif ukoll temmet il-kuntratt tal-kumpanija li kompliet taghmel ix-xoghol bejn iz-zmien meta ntemm l-impieg tar-rikorrent u dak meta temmet il-kuntratt tat-terzi.

7.1.2 L-Avukat Owen Bonnici f'isem ir-rikorrent stqarr li:

- Wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell l-argumenti kollha tal-kumpanija intimata kif jidhru fis-sub artiklu precedenti huma inutli.

- Ghalkemm statutorjament m'hemmx linji gwida biex it-Tribunal Industrijali jikkalkula l-kumpens, hemm kazistika. F'dan ir-rigward it-Tribunal Industrijali ghandu jikkunsidra t-telf ta' qligh li sofra r-rikorrent, kif ukoll is-self li ghamel biex stabbilixxa lilu nnifsu fis-suq bhala *self-employed.*

**4. Decizjoni**

It-Tribunal Industrijali, wara li sema' x-xhieda tar-rikorrent, u t-trattazzjoni tal-Avukati Charlotte Camilleri u Owen Bonnici dwar il-kumpens, jaqta' u jiddeciedi li l-kumpanija intimata ghandha thallas lir-rikorrent is-somma ta' Sitt Elef Sitt Mija u Tmien Ewro u Sittin centezmu (€6,608.60) bhala kumpens ghal tkeccija ingusta. Dan il-hlas ghandu jsir sa mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' din id-decizjoni.

B'hekk tintemm definittivament din il-kwistjoni tax-xoghol.

____________________

**A. DEGIOVANNI**
**Chairman**